Ġabra tal-ġurisprudenza

KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
RIMVYDAS NORKUS
ippreżentati fit-8 ta' Mejju 2025 [1]

Kawża C-315/24

Nestlé Sverige AB
vs
Miljönämnden i Helsingborgs kommun

(talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Högsta förvaltningsdomstolen (il-Qorti Suprema Amministrattiva, l-Isvezja))

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Approssimazzjoni tal-leġiżlazzjonijiet – Sigurtà tal-ikel – Prodotti tal-ikel għal skopijiet mediċi speċjali – Rekwiżiti ta' informazzjoni – Dettalji obbligatorji addizzjonali – Rekwiżiti speċifiċi dwar id-dikjarazzjoni obbligatorja dwar in-nutrizzjoni – Projbizzjoni li l-informazzjoni inkluża f'din id-dikjarazzjoni tiġi repetuta fuq l-ittikkettjar"

1. Din il-kawża toffri lill-Qorti tal-Ġustizzja l-ewwel okkażjoni sabiex tinterpreta d-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni dwar id-dettalji obbligatorji addizzjonali tal-ittikkettjar ta' ikel għal skopijiet mediċi speċjali.

I. Il-kuntest ġuridiku

A. Ir-Regolament (UE) Nru 1169/2011

2. Il-premessa 41 tar-Regolament (UE) Nru 1169/2011 [2] tistipula:

"Sabiex tattira lill-konsumatur medju u sabiex isservi l-għan informattiv li għalih iddaħħlet, u minħabba l-livell ta' għarfien attwali dwar is-suġġett tan-nutrizzjoni, l-informazzjoni pprovduta għandha tkun sempliċi u faċilment komprensibbli. Informazzjoni dwar in-nutrizzjoni parzjalment fil-kamp ta' viżjoni ewlieni, komunement magħrufa bħala l-'quddiem tal-pakkett' u parzjalment fuq naħa oħra tal-pakkett, pereżempju fuq il-'wara tal-pakkett', tista' toħloq konfużjoni għall-konsumaturi. Għaldaqstant, id-dikjarazzjoni dwar in-nutrizzjoni għandha tkun fl-istess linji viżivi. Barra minn hekk, fuq bażi volontarja, l-elementi l-iktar importanti tal-informazzjoni dwar

[1] Lingwa oriġinali: il-Franċiż.

[2] Regolament Nru 1169/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2011 dwar l-għoti ta' informazzjoni dwar l-ikel lill-konsumaturi, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1924/2006 u (KE) Nru 1925/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Direttiva tal-Kummissjoni 87/250/KEE, id-Direttiva tal-Kunsill 90/496/KEE, id-Direttiva tal-Kummissjoni 1999/10/KE, id-Direttiva 2000/13/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kummissjoni 2002/67/KE u 2008/5/KE u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 608/2004 (ĠU 2011, L 304, p. 18, rettifiki fil-ĠU 2014, L 331, p. 40, fil-ĠU 2022, L 35, p. 26, fil-ĠU 2023, L 142, p. 41 u fil-ĠU 2023, L 214, p. 229).

in-nutrizzjoni jistgħu jkunu ripetuti fil-kamp ta' viżjoni ewlieni, sabiex il-konsumaturi jiġu megħjuna jaraw faċilment l-informazzjoni essenzjali dwar in-nutrizzjoni meta jixtru l-ikel. Għażla libera dwar l-informazzjoni li tista' tkun ripetuta tista' tikkonfondi lill-konsumaturi. Għalhekk huwa meħtieġ li jiġi ċċarat liema informazzjoni tista' tkun ripetuta."

3. L-Artikolu 9 ta' dan ir-regolament, intitolat "Lista ta' dettalji obbligatorji", jipprevedi, fil-paragrafu 1 tiegħu:

"Konformement mal-Artikoli 10 sa 35 u skont l-eċċezzjonijiet li hemm f'dan il-Kapitolu, hija obbligatorja l-indikazzjoni tad-dettalji li ġejjin:

[…]

l) dikjarazzjoni ta' nutrizzjoni."

4. L-Artikolu 30 tal-imsemmi regolament, dwar il-kontenut tad-dikjarazzjoni dwar in-nutrizzjoni msemmija fl-imsemmi Artikolu 9(1)(l), fil-paragrafi 1 u 3 tiegħu jistipula:

"1. Id-dikjarazzjoni obbligatorja dwar in-nutrizzjoni għandha tinkludi dan li ġej:

(a) il-valur enerġetiku; u

(b) l-ammonti ta' xaħam, saturati, karboidrati, zokkor, proteini u melħ.

[…]

3. Fejn it-tikkettar ta' ikel ippakkjat bil-lest jipprevedi d-dikjarazzjoni obbligatorja dwar in-nutrizzjoni msemmija fil-paragrafu 1, l-informazzjoni li ġejja tista' tiġi ripetuta fiha:

(a) il-valur enerġetiku; jew

(b) il-valur enerġetiku flimkien mal-ammonti ta' xaħam, saturati, zokkor u melħ."

5. Taħt it-titolu "Espressjoni għal kull 100 g jew għal kull 100 ml", l-Artikolu 32(2) tal-istess regolament jipprevedi:

"2. Il-valur enerġetiku u l-ammont ta' nutrijenti msemmija fl-Artikolu 30(1) sa (5) għandhom ikunu espressi għal kull 100 g jew għal kull 100 ml."

6. Skont l-Artikolu 33(1), (2) u (4) tar-Regolament Nru 1169/2011:

"1. Fil-każijiet li ġejjin, il-valur enerġetiku u l-ammont ta' nutrijenti msemmija fl-Artikolu 30(1) sa (5) jistgħu jkunu espressi għal kull porzjon u/jew għal kull unità ta' konsum, faċilment rikonoxxibbli mill-konsumaturi, sakemm il-porzjon jew l-unità tkun kwantifikata fit-tikketta u li l-għadd ta' porzjonijiet jew unitajiet li jinsabu fil-pakkett ikun imsemmi:

(a) barra mill-forma ta' espressjoni għal 100 g jew 100 ml msemmija fl-Artikolu 32(2);

[…]

2. B'deroga mill-Artikolu 32(2), fil-każijiet imsemmijin fil-punt (b) tal-Artikolu 30(3) l-ammont ta' nutrijenti u/jew il-perċentwal tal-konsum referenzjali stabbilit fil-Parti B tal-Anness XIII jistgħu jkunu espressi abbażi ta' unità għal kull porzjoni jew għal kull unità tal-konsum biss.

Meta l-ammonti tan-nutrijenti jkunu espressi fuq il-bażi ta' kull porzjon jew ta' kull unità ta' konsum biss skont l-ewwel subparagrafu, il-valur enerġetiku għandu jiġi espress għal kull 100 g jew għal kull 100 ml u fuq il-bażi ta' kull porzjon jew ta' kull unità tal-konsum.

[…]

4. Il-porzjon jew l-unità użati għandhom ikunu indikati fil-qrib ferm tad-dikjarazzjoni ta' nutrizzjoni."

B. Ir-Regolament (UE) Nru 609/2013

7. Skont il-premessa 24 tar-Regolament (UE) Nru 609/2013 [3]:

"Ir-[Regolament Nru 1169/2011] […] jistabbilixxi r-rekwiżiti ġenerali tat-tikkettar. Dawk ir-rekwiżiti tat-tikkettar għandhom, bħala regola ġenerali, japplikaw għall-kategoriji tal-ikel koperti minn dan ir-Regolament. Madankollu, dan ir-Regolament għandu jipprovdi wkoll rekwiżiti addizzjonali għal, jew derogi minn, ir-[Regolament Nru 1169/2011], fejn hu meħtieġ, sabiex jintlaħqu l-għanijiet speċifiċi ta' dan ir-Regolament."

8. L-Artikolu 2(2)(g) ta' dan ir-regolament jipprevedi:

"[…] għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

[…]

(g) 'ikel għal skopijiet mediċi speċjali' tfisser ikel ipproċessat jew ifformulat b'mod speċjali u maħsub għall-ġestjoni djetetika tal-pazjenti, inklużi t-trabi, li jintuża taħt sorveljanza medika; huwa maħsub għat-tmigħ esklużiv jew parzjali tal-pazjenti li l-ħila limitata, debboli jew kompromessa tagħhom ma tippermettilhomx jieħdu, jiddiġerixxu, jassorbu, iħaddmu jew ineħħu ikel normali jew ċerti nutrijenti li jkollhom fihom jew il-metaboliti, jew ma' rekwiżiti nutrittivi oħra b'għan mediku, fejn il-ġestjoni djetetika tagħhom ma tistax tinkiseb biss permezz ta' tibdil fid-dieta normali."

9. L-Artikolu 9(5) u (6) tal-imsemmi regolament jipprevedi:

"5. It-tikkettar, il-preżentazzjoni u r-reklamar tal-ikel imsemmija fl-Artikolu 1(1) għandhom jipprovdu informazzjoni għall-użu adegwat ta' tali ikel, u ma għandhomx jiżgwidaw, jew jattribwixxu lil tali ikel proprjetajiet għall-prevenzjoni, it-trattament jew il-kura tal-mard tal-bniedem, jew jimplikaw tali proprjetajiet.

[3] Regolament (UE) Nru 609/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Ġunju 2013 dwar ikel maħsub għat-trabi u t-tfal żgħar, ikel għal skopijiet mediċi speċjali, u bħala sostitut tad-dieta kollha għall-kontroll tal-piż u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 92/52/KEE, id-Direttivi tal-Kummissjoni 96/8/KE, 1999/21/KE, 2006/125/KE u 2006/141/KE, id-Direttiva 2009/39/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolamenti tal-Kummissjoni (KE) Nru 41/2009 u (KE) Nru 953/2009 (ĠU 2013, L 181, p. 35, rettifika fil-ĠU 2017, L 320, p. 31).

6. Il-paragrafu 5 ma għandux jimpedixxi t-tixrid ta' kwalunkwe informazzjoni jew rakkomandazzjonijiet utli esklużivament maħsuba għal persuni bi kwalifiki fil-mediċina, in-nutrizzjoni u l-farmaċewtika jew professjonisti fil-kura tas-saħħa responsabbli mill-kura materna u għall-kura tat-tfal."

C. Ir-Regolament Delegat (UE) 2016/128

10. Il-premessi 13, 14, 15 tar-Regolament Delegat (UE) 2016/128 [4] huma fformulati kif ġej:

"(13) Madankollu, huwa xieraq li tintuża t-terminoloġija tar-[Regolament Nru 1169/2011]. Sabiex titqies n-natura speċifika ta' ikel għal skopijiet mediċi speċjali, dan ir-Regolament għandu jistabbilixxi ż-żidiet u l-eċċezzjonijiet għal dawk ir-regoli ġenerali, fejn xieraq.

(14) L-għoti tal-informazzjoni kollha li hija meħtieġa biex jiġi żgurat l-użu xieraq ta' ikel għal skopijiet mediċi speċjali għandu jkun obbligatorju għal dan it-tip ta' ikel. Din l-informazzjoni għandha tinkludi informazzjoni dwar il-proprjetajiet u l-karatteristiki fir-rigward, fost l-oħrajn, l-ipproċessar u l-formulazzjoni speċjali, il-kompożizzjoni nutrizzjonali u l-ġustifikazzjoni tal-użu tal-prodott li tkun utli għall-iskop maħsub speċifiku tiegħu. Din l-informazzjoni ma għandhiex titqies bħala indikazzjonijiet/stqarrijiet dwar in-nutrizzjoni u s-saħħa skont it-tifsira tar-[Regolament Nru 1924/2006].

(15) Id-dikjarazzjoni dwar in-nutrizzjoni għall-ikel għal skopijiet mediċi speċjali hija essenzjali sabiex tiggarantixxi l-użu xieraq tiegħu li, kemm għall-pazjenti li jikkunsmaw dak l-ikel kif ukoll għall-professjonisti tal-kura tas-saħħa li jirrakkomandaw il-konsum tiegħu. Għal din ir-raġuni, u sabiex tiġi pprovduta informazzjoni aktar kompluta lill-pazjenti u lill-professjonisti tal-kura tas-saħħa, id-dikjarazzjoni dwar in-nutrizzjoni għandha tinkludi aktar dettalji minn dawk meħtieġa mir-[Regolament Nru 1169/2011] […]."

11. Taħt it-titolu "Rekwiżiti speċifiċi għall-informazzjoni dwar l-ikel", l-Artikolu 5(1) u (2)(g) ta' dan ir-regolament delegat jipprovdi:

"1. Sakemm ma jkunx previst mod ieħor f'dan ir-Regolament, l-ikel għal skopijiet mediċi speċjali għandu jikkonforma mar-[Regolament Nru 1169/2011].

2. Minbarra d-dettalji obbligatorji msemmija fl-Artikolu 9(1) tar-Regolament [Nru 1169/2011], dawn li ġejjin huma dettalji obbligatorji addizzjonali għall-ikel għal skopijiet mediċi speċjali:

[…](g) deskrizzjoni tal-kwalitajiet u/jew il-karatteristiki li jagħmlu l-prodott utli, b'rabta mal-mard, id-disturbi jew il-kundizzjonijiet mediċi li għall-ġestjoni dijetetika tagħhom huwa maħsub il-prodott, b'mod partikolari, skont il-każ, fejn dan ikun relatat mal-ipproċessar u l-formulazzjoni speċjali, in-nutrijenti li ġew miżjuda, imnaqqsa, eliminati jew immodifikati mod ieħor, kif ukoll il-ġustifikazzjoni għall-użu tal-prodott;

[…]."

[4] Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/128 tal-25 ta' Settembru 2015, li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 609/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-rekwiżiti speċifiċi dwar il-kompożizzjoni u l-informazzjoni għall-ikel għal skopijiet mediċi speċjali (ĠU 2016, L 25, p. 30).

12. Taħt it-titolu "Rekwiżiti speċifiċi għall-informazzjoni dwar in-nutrizzjoni", l-Artikolu 6(2) tal-imsemmi regolament delegat jipprevedi:

"B'deroga mill-Artikolu 30(3) tar-[Regolament Nru 1169/2011], l-informazzjoni inkluża fid-dikjarazzjoni obbligatorja dwar in-nutrizzjoni għall-ikel għal skopijiet mediċi speċjali ma għandhiex tiġi ripetuta fuq it-tikketta."

II. Il-fatti li wasslu għall-kawża, il-proċedura fil-kawża prinċipali, id-domandi preliminari u l-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

13. Nestlé Sverige AB (iktar 'il quddiem "Nestlé") hija impriża fis-settur tal-ikel li tikkummerċjalizza diversi prodotti bħala prodotti tal-ikel intiżi għal skopijiet mediċi speċjali.

14. Kif jirriżulta mit-talba għal deċiżjoni preliminari, dawn il-prodotti jinkludu, fuq in-naħa ta' quddiem tal-imballaġġ, indikazzjonijiet dwar il-valur enerġetiku u l-kwantità ta' nutrijenti differenti, bħax-xaħam, il-proteini u l-fibri alimentari, espressi mhux għal kull 100 g jew għal kull 100 ml, iżda għal kull porzjon jew għal kull unità ta' konsum (iktar 'il quddiem l-"indikazzjonijiet kontenzjużi").

15. Il-Miljönämnden i Helsingborgs kommun (il-Kummissjoni għall-Ambjent tal-Muniċipalità ta' Helsingborg, l-Isvezja) ordnat lil Nestlé tħassar dawn l-indikazzjonijiet kontenzjużi minħabba li dawn kienu jikkostitwixxu, bi ksur tal-Artikolu 6(2) tar-Regolament Delegat 2016/128, repetizzjoni tal-informazzjoni li tinsab fid-dikjarazzjoni obbligatorja dwar in-nutrizzjoni, skont l-Artikolu 30(1) tar-Regolament Nru 1169/2011, u li huma espressi, skont l-Artikolu 32(2) ta' dan ir-regolament, għal 100 g jew 100 ml.

16. Wara li pprovat, mingħajr suċċess, tikseb l-eżami mill-ġdid ta' dik id-deċiżjoni, Nestlé ppreżentat rikors quddiem il-Förvaltningsrätten i Malmö (il-Qorti Amministrattiva sedenti f'Malmö, l-Isvezja) intiż għall-annullament tagħha. Fil-kuntest ta' dan ir-rikors, Nestlé sostniet li l-indikazzjonijiet kontenzjużi ma kinux repetizzjoni ta' dawk li jinsabu fid-dikjarazzjoni obbligatorja dwar in-nutrizzjoni, iżda li kellhom jitqiesu bħala indikazzjonijiet li jikkompletaw din id-dikjarazzjoni, skont l-Artikolu 5(2)(g) tar-Regolament Delegat 2016/128.

17. L-imsemmi rikors ġie miċħud, minħabba li, minkejja li l-indikazzjonijiet kontenzjużi huma espressi għal kull porzjon jew għal kull unità ta' konsum u mhux għal kull 100 g jew għal kull 100 ml, dawn jikkostitwixxu repetizzjoni tal-indikazzjonijiet tad-dikjarazzjoni obbligatorja dwar in-nutrizzjoni, ipprojbiti mill-Artikolu 6(2) ta' dan ir-regolament delegat.

18. Peress li l-Kammarrätten i Göteborg (il-Qorti Amministrattiva tal-Appell ta' Göteborg, l-Isvezja) ċaħdet l-appell, li qieset li l-indikazzjonijiet kontenzjużi ma kinux jaqgħu taħt l-Artikolu 5(2)(g) tar-Regolament Delegat 2016/128, iżda kienu jikkostitwixxu repetizzjoni tal-indikazzjonijiet li jinsabu fid-dikjarazzjoni obbligatorja dwar in-nutrizzjoni, Nestlé ppreżentat appell ta' kassazzjoni quddiem il-Högsta förvaltningsdomstolen (il-Qorti Amministrattiva Suprema, l-Isvezja), li hija l-qorti tar-rinviju.

19. Sabiex jiġi ddeterminat jekk l-ittikkettjar tal-prodotti inkwistjoni huwiex konformi mar-Regolament Delegat 2016/128, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-indikazzjonijiet kontenzjużi jikkostitwixxux deskrizzjoni addizzjonali tal-proprjetajiet u

tal-karatteristiċi ta' prodott, fis-sens tal-Artikolu 5(2)(g) ta' dan ir-regolament delegat, jew jekk dawn l-indikazzjonijiet humiex biss repetizzjoni ta' dawk li jinsabu fid-dikjarazzjoni obbligatorja dwar in-nutrizzjoni, repetizzjoni pprojbita mill-Artikolu 6(2) tal-imsemmi regolament delegat.

20. Huwa f'dawn iċ-ċirkustanzi li l-Högsta förvaltningsdomstolen (il-Qorti Amministrattiva Suprema) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

"1) Informazzjoni dwar il-valur enerġetiku ta' prodott u dwar l-ammonti ta' nutrijenti differenti li dan jinkludi, li hija pprovduta xi mkien ieħor għajr fid-dikjarazzjoni dwar in-nutrizzjoni, tikkostitwixxi deskrizzjoni addizzjonali tal-kwalitajiet u tal-karatteristiċi, kif imsemmi fl-Artikolu 5(2)(g) tar-[Regolament Delegat 2016/128]?

2) Jekk ir-risposta għall-ewwel domanda tkun fl-affermattiv, l-Artikolu 6(2) [ta' dan ir-regolament delegat], li jipprojbixxi li l-informazzjoni inkluża fid-dikjarazzjoni obbligatorja dwar in-nutrizzjoni tiġi ripetuta fuq it-tikketta, għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi l-indikazzjoni, fid-deskrizzjoni prevista fl-Artikolu 5(2)(g) [tal-imsemmi regolament delegat], ta' informazzjoni dwar il-valur enerġetiku u dwar l-ammonti ta' nutrijenti differenti, jekk din l-informazzjoni tkun espressa f'forma għajr dik ta' għal kull 100 g jew għal kull 100 ml?"

21. Id-deċiżjoni tar-rinviju, datata l-25 ta' April 2024, waslet fir-Reġistru tal-Qorti tal-Ġustizzja fid-29 ta' April 2024. Osservazzjonijiet bil-miktub ġew ippreżentati mir-rikorrenti fil-kawża prinċipali, mill-Gvern Ċek u mill-Kummissjoni Ewropea. Ir-rikorrenti, il-Miljönämnden i Helsingborgs kommun (il-Kummissjoni għall-Ambjent tal-Municipalità ta' Helsingborg), konvenuta fil-kawża prinċipali, kif ukoll il-Gvern Ċek u l-Kummissjoni, ippreżentaw ukoll osservazzjonijiet orali waqt is-seduta li nżammet fit-12 ta' Frar 2025.

III. Analiżi

A. Osservazzjonijiet preliminari

22. Hawnhekk nirrileva xi karatteristiċi speċifiċi inerenti għall-prodotti tal-ikel għal skopijiet mediċi speċjali u l-konsegwenzi tagħhom fuq il-kuntest ġuridiku applikabbli għall-ittikkettjar tagħhom, li l-komprensjoni tagħhom hija essenzjali sabiex jingħataw risposti utli għad-domandi magħmula lill-Qorti tal-Ġustizzja f'din il-kawża.

23. Għandu jitfakkar li, fid-dritt tal-Unjoni, l-ittikkettjar tal-prodotti tal-ikel huwa rregolat mir-Regolament Nru 1169/2011. Dan ir-regolament jistabbilixxi r-rekwiżiti ġenerali fil-qasam, li jeħtieġu li tissemma informazzjoni obbligatorja fuq dawn il-prodotti tal-ikel[5]. L-imsemmi regolament jipprevedi wkoll il-possibbiltà li tiġi pprovduta ċerta informazzjoni fakultattiva[6]. Sa fejn il-prodotti tal-ikel għal skopijiet mediċi speċjali jikkostitwixxu, qabel kollox u minkejja l-karatteristiċi speċifiċi tagħhom, prodotti tal-ikel, dawn ir-rekwiżiti ġenerali japplikaw għal dawn l-ewwel prodotti[7].

[5] Artikolu 2(2)(c) tar-Regolament Nru 1169/2011.

[6] Premessa 47, Artikoli 36 u 37 tar-Regolament Nru 1169/2011.

[7] Premessa 24 u Artikolu 6 tar-Regolament Nru 609/2013.

24. Fir-rigward tal-karatteristiċi speċifiċi tal-prodotti tal-ikel ikkonċernati f'din il-kawża, skont id-definizzjoni legali, prodott tal-ikel għal skopijiet mediċi speċjali huwa, minn naħa, prodott tal-ikel speċifikament ittrattat jew ifformulat sabiex jissodisfa r-rekwiżiti nutrittivi tal-pazjenti u li ma jistax jintuża ħlief taħt superviżjoni medika [8]. Għalhekk, il-prodotti tal-ikel għal skopijiet mediċi speċjali huma kkaratterizzati mill-funzjoni nutrizzjonali partikolari tagħhom peress li huma "speċjalment ipproċessati jew ifformulati" sabiex jissodisfa ir-rekwiżiti nutrittivi partikolari tal-pazjenti [9].

25. Min-naħa l-oħra, dejjem skont id-definizzjoni legali, prodott tal-ikel intiż għal skopijiet mediċi speċjali huwa intiż sabiex jikkostitwixxi l-ikel esklużiv jew parzjali ta' pazjenti li għandhom marda, disturb jew kundizzjoni medika partikolari [10]. Għalhekk, dawn il-prodotti tal-ikel għal skopijiet mediċi speċjali huma intiżi, min-natura tagħhom stess, sabiex jiġu inġeriti u sabiex iservu ta' ikel għall-bniedem għal pazjenti li l-kapaċitajiet tagħhom ta' assorbiment, ta' diġestjoni, ta' assimilazzjoni, ta' metabolizzazzjoni jew ta' eskrezzjoni tal-prodotti tal-ikel ordinarji jew ta' ċerti ingredjenti jew metaboliti tagħhom huma mnaqqsa, limitati jew disturbati jew għal dawk li l-kundizzjoni medika tagħhom tiddetermina rekwiżiti nutrittivi partikolari oħra li ma jistgħux jiġu ssodisfatti permezz ta' bidla fid-dieta normali biss [11].

26. Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li l-prodotti tal-ikel għal skopijiet mediċi speċjali għandhom żewġ differenzi prinċipali meta mqabbla mal-prodotti tal-ikel ordinarji: waħda tikkonċerna l-grupp tal-popolazzjoni li għalih huma indirizzati, u l-oħra tikkonċerna l-użu tagħhom. Tal-ewwel huma intiżi għal gruppi ta' popolazzjoni vulnerabbli, magħmula minn pazjenti li jbatu minn marda, minn disturb jew minn kundizzjoni medika li jimponulhom dieta speċifika. It-tieni jikkonċernaw il-konsumaturi b'saħħithom jew, fi kliem ieħor, dawk li għandhom profil ġenerali.

27. Dawn iż-żewġ tipi ta' prodotti tal-ikel huma differenti fir-rigward tal-użu tagħhom. Jekk l-użu tal-prodotti tal-ikel ordinarji ma huwiex suġġett għal ebda kundizzjoni, dak tal-prodotti tal-ikel għal skopijiet mediċi speċjali jista' jsir biss taħt superviżjoni medika. Għalhekk, din is-superviżjoni medika, li hija element essenzjali għall-kunċett ta' "prodott tal-ikel għal skopijiet mediċi speċjali", jimplika li l-użu ta' dan il-prodott tal-ikel, li huwa partikolari peress li huwa adattat għar-rekwiżiti nutrittivi tal-pazjent, għandu jiġi rrakkomandat lill-pazjent minn professjonist tas-saħħa fid-dawl tar-rekwiżiti nutrittivi tiegħu. F'dan il-kuntest, is-"superviżjoni medika" tippreżumi li professjonist fil-kura tas-saħħa, kif imsemmi fil-premessi 3 u 15 tar-Regolament Delegat 2016/128, jiżgura li l-użu ta' prodott tal-ikel għal skopijiet mediċi speċjali jkun adegwat għar-rekwiżiti nutrittivi speċifiċi ta' dan il-pazjent [12].

28. Dawn il-partikolaritajiet jiġġustifikaw li l-ittikkettjar tal-prodotti tal-ikel għal skopijiet mediċi speċjali għandu josserva mhux biss ir-rekwiżiti applikabbli għall-prodotti tal-ikel ordinarji, iżda wkoll ir-rekwiżiti speċifiċi stabbiliti għal dawn il-prodotti tal-ikel speċjali. L-ittikkettjar tal-imsemmija prodotti għalhekk jaqa' taħt sistema f'żewġ stadji [13]. Għalhekk, ir-Regolament Nru 609/2013 u r-Regolament Delegat 2016/128, li jirregolaw, b'mod partikolari, ir-rekwiżiti

8 Ara l-Artikolu 2(2)(g) tar-Regolament Nru 609/2013.

9 Sentenza tat-2 ta' Marzu 2023, Kwizda Pharma (C-760/21, EU:C:2023:143, punt 39).

10 Ara l-Artikolu 2(2)(g) tar-Regolament Nru 609/2013.

11 Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-27 ta' Ottubru 2022, Orthomol (C-418/21, EU:C:2022:831, punti 26, 31 u 32).

12 Ara s-sentenza tat-2 ta' Marzu 2023, Kwizda Pharma (C-760/21, EU:C:2023:143, punti 71 u 74).

13 Premessa 24 tar-Regolament Nru 609/2013.

speċifiċi applikabbli għall-prodotti tal-ikel għal skopijiet mediċi speċjali għandhom jinftiehmu fid-dawl tar-Regolament Nru 1169/2011 li jiddetermina r-rekwiżiti ġenerali applikabbli għall-prodotti tal-ikel kollha.

29. Fir-rigward ta' dawn ir-rekwiżiti ġenerali, il-Kapitolu IV tar-Regolament Nru 1169/2011, bit-titolu "Informazzjoni obbligatorja dwar l-ikel", jiddikjara, b'mod partikolari, id-dettall dwar id-dikjarazzjoni dwar in-nutrizzjoni [14]. Din id-dikjarazzjoni għandha tinkludi l-elementi dwar il-valur enerġetiku u l-ammonti ta' xaħam, saturati, karboidrati, zokkor, proteini u melħ. Uħud minn dawn l-elementi, jiġifieri il-valur enerġetiku, kif ukoll l-ammonti ta' xaħam, saturati, zokkor u melħ, jistgħu jiġu repetuti fuq l-ittikkettjar tal-prodotti tal-ikel ordinarji meta dan l-ittikkettjar ikun fih id-dikjarazzjoni obbligatorja dwar in-nutrizzjoni [15].

30. Madankollu, sabiex titqies in-natura speċifika ta' prodotti tal-ikel għal skopijiet mediċi speċjali, ċerti supplimenti u ċerti derogi għal dawn ir-regoli tqiesu neċessarji mil-leġiżlatur tal-Unjoni. B'mod partikolari, ġie kkunsidrat li, sabiex jiġi żgurat l-użu tajjeb ta' dawn il-prodotti tal-ikel, kien obbligatorju li jiġu ddettaljati l-proprjetajiet u l-karatteristiċi tal-imsemmija prodotti tal-ikel kif ukoll li tiġi żviluppata l-informazzjoni li tipprovdi d-dikjarazzjoni dwar in-nutrizzjoni ta' dawn l-istess prodotti tal-ikel [16].

31. F'dan ir-rigward, wieħed mid-dettalji obbligatorji addizzjonali fir-rigward tar-rekwiżiti ġenerali applikabbli għall-prodotti tal-ikel kollha jipprevedi l-inklużjoni ta' deskrizzjoni tal-proprjetajiet u tal-karatteristiċi li jippermettu l-prodott jissodisfa r-rekwiżiti nutrittivi fil-każ ta' marda, ta' disturb jew ta' kundizzjoni medika li għaliha huwa maħsub, b'mod partikolari, skont il-każ, il-partikolaritajiet tal-ipproċessar tiegħu u tal-formulazzjoni speċjali tiegħu, in-nutrijenti li ġew miżjuda, imnaqqsa, eliminati jew immodifikati mod ieħor u r-raġunijiet li jiġġustifikaw l-użu tiegħu [17].

32. Fir-rigward tar-rekwiżiti speċifiċi dwar id-dikjarazzjoni dwar in-nutrizzjoni għall-prodotti tal-ikel għal skopijiet mediċi speċjali, b'deroga mir-regoli ġenerali, kif jirriżultaw mill-Artikolu 30(3) tar-Regolament Nru 1169/2011, l-informazzjoni inkluża fid-dikjarazzjoni obbligatorja dwar in-nutrizzjoni għall-prodotti tal-ikel għal skopijiet mediċi speċjali ma għandiex tiġi repetuta fuq l-ittikkettjar [18]. Madankollu, l-Artikoli 31 sa 35 ta' dan ir-regolament għandhom japplikaw għan-nutrijenti kollha inklużi fid-dikjarazzjoni dwar in-nutrizzjoni għall-prodotti tal-ikel għal skopijiet mediċi speċjali [19].

33. F'dan ir-rigward, il-Gvern Ċek isostni, essenzjalment, li xejn fir-Regolament Delegat 2016/128 ma jipprekludi li informazzjoni dwar in-nutrizzjoni, espressa għal kull porzjon jew għal kull unità ta' konsum, tissemma fuq il-prodotti tal-ikel għal skopijiet mediċi speċjali konformement mal-Artikolu 33 tar-Regolament Nru 1169/2011 li jirregola l-indikazzjoni ta' din l-informazzjoni. Dan il-gvern iqis li l-Artikolu 6(2) tar-Regolament Delegat 2016/128 jipprevedi deroga mill-Artikolu 30 tar-Regolament Nru 1169/2011 iżda mhux mill-Artikolu 33 tiegħu. Skont l-imsemmi gvern, għandha tiġi analizzata biss it-tieni domanda preliminari [20], li tirrigwarda dan l-Artikolu 6(2).

14 Artikolu 9(1)(l) tar-Regolament Nru 1169/2011.

15 Ara l-Artikolu 30 tar-Regolament Nru 1169/2011.

16 Premessi 13 sa 15 tar-Regolament Delegat 2016/128.

17 Artikolu 5(2)(g) tar-Regolament Delegat 2016/128.

18 Artikolu 6(2) tar-Regolament Delegat 2016/128.

19 Artikolu 6(4) tar-Regolament Delegat 2016/128.

20 Ara l-punt 20 ta' dawn il-konklużjonijiet.

34. Għaldaqstant, għandha tiġi eżaminata, f'dan ir-rigward, l-interazzjoni li għandhom id-diversi dispożizzjonijiet imsemmija mill-Gvern Ċek u l-eventwali konsegwenzi tagħha għat-trattament tad-domandi preliminari magħmula lill-Qorti tal-Ġustizzja f'din il-kawża.

35. L-Artikolu 30(1) u (2) tar-Regolament Nru 1169/2011, intitolat "Kontenut", jistabbilixxi, essenzjalment, ir-rekwiżiti marbuta mal-kontenut tad-dikjarazzjoni dwar in-nutrizzjoni tal-prodotti tal-ikel, jiġifieri, fost l-oħrajn, l-elementi obbligatorji li din għandha tinkludi kif ukoll dawk li jistgħu jissupplimentawha. Il-paragrafu 3 ta' dan l-artikolu jipprevedi li ċerta informazzjoni, li taqa' taħt id-dikjarazzjoni dwar in-nutrizzjoni u speċifikament imsemmija f'dan il-paragrafu, tista', bil-kundizzjoni li l-prodott tal-ikel ippakkjat bil-lest ikun fih tali dikjarazzjoni, tiġi repetuta fuq l-ittikkettjar ta' dan il-prodott tal-ikel. Għalhekk, din ir-repetizzjoni volontarja hija awtorizzata, fil-kamp ta' viżjoni ewlieni, komunement magħrufa bħala l-quddiem tal-imballaġġ, sabiex il-konsumaturi jiġu megħjuna jaraw faċilment l-informazzjoni essenzjali dwar in-nutrizzjoni meta jixtru l-prodotti tal-ikel [21].

36. L-artikoli li jsegwu din id-dispożizzjoni u, b'mod partikolari, l-Artikoli 32 u 33, intitolati, rispettivament, "Espressjoni għal kull 100 g jew għal kull 100 ml" u "Espressjoni abbażi ta' kull porzjon jew kull unità ta' konsum", jipprevedu r-regoli dwar l-espressjoni tal-elementi li jifformaw il-kontenut tad-dikjarazzjoni dwar in-nutrizzjoni. Għalkemm ir-regola prinċipali, li tinsab f'dan l-Artikolu 32, tipprovdi li tali espressjoni għandha ssir għal 100 g jew 100 ml, l-imsemmi Artikolu 33 jipprevedi każijiet addizzjonali li fihom dawn l-elementi jistgħu, barra mill-forma ta' espressjoni għal 100 g jew 100 ml, jiġu espressi għal kull porzjon u/jew għal kull unità ta' konsum [22].

37. L-artikoli ċċitati iktar 'il fuq jaqgħu kollha taħt it-Taqsima 3, intitolata "Dikjarazzjoni dwar in-nutrizzjoni", tal-Kapitolu IV (li jirrigwarda l-"Informazzjoni obbligatorja dwar l-ikel") tar-Regolament Nru 1169/2011.

38. Fil-fehma tiegħi, il-kunsiderazzjonijiet esposti fil-punti 35 sa 37 ta' dawn il-konklużjonijiet jippermettu li l-Artikolu 30 tar-Regolament Nru 1169/2011 jinftiehem bħala dispożizzjoni ġenerali li tiddefinixxi l-kontenut tal-informazzjoni obbligatorja dwar in-nutrizzjoni li għandha tiġi inkluża fid-dikjarazzjoni dwar in-nutrizzjoni tal-prodotti tal-ikel. Dan l-artikolu jindika wkoll liema informazzjoni ta' din id-dikjarazzjoni, strettament limitata, tista' tiġi repetuta fuq l-ittikkettjar, jiġifieri fuq in-naħa ta' quddiem tal-imballaġġ ta' dawn il-prodott tal-ikel. Issa, mill-qari tal-Artikolu 6(2) tar-Regolament Delegat 2016/128 jirriżulta li dan jidderoga preċiżament minn din l-aħħar regola dwar il-kontenut tal-informazzjoni li tista' tiġi repetuta fuq l-ittikkettjar.

39. Għall-kuntrarju, jidhirli li l-Artikoli 32 u 33 tar-Regolament Nru 1169/2011 jippreċiżaw iktar ir-regoli ta' forma tar-rekwiżiti relatati mal-preżentazzjoni tal-informazzjoni msemmija fl-imsemmi Artikolu 30. Dan l-Artikolu 32 jistabbilixxi r-regola ta' forma "prinċipali" li tista', jekk ikun il-każ, tiġi kkompletata minn dik iddefinita mill-imsemmi Artikolu 33. Dawn ir-regoli, stabbiliti f'dawn iż-żewġ artikoli, japplikaw għall-informazzjoni dwar in-nutrijenti li tinsab

[21] Ara l-premessa 41 tar-Regolament Nru 1169/2011. F'dan ir-rigward, inqis li huwa utli li jiġi rrilevat dan li ġej. Minn naħa, l-awtorizzazzjoni għar-repetizzjoni hija strettament limitata għall-elementi msemmija fl-Artikolu 30(3) tal-imsemmi regolament u b'hekk teskludi r-repetizzjoni ta' kull informazzjoni oħra, u dan, għall-prodotti tal-ikel kollha. Min-naħa l-oħra, l-Artikolu 30(3) ta' dan ir-regolament isemmi każ speċifiku ħafna ta' din ir-repetizzjoni fuq l-ittikkettjar ta' prodott tal-ikel ippakkjat bil-lest, xi mkien ieħor għajr f'dikjarazzjoni dwar in-nutrizzjoni, jiġifieri, fil-prattika, fuq in-naħa ta' quddiem ta' dan l-ittikkettjar, informazzjoni li, bħala prinċipju, għandha tidher fid-dikjarazzjoni dwar in-nutrizzjoni.

[22] F'dan ir-rigward, mill-premessa 35 tar-Regolament Nru 1169/2011 jirriżulta li l-għażla li jiġu imposti dikjarazzjonijiet dwar in-nutrizzjoni għal 100 g jew għal 100 ml filwaqt li jiġu awtorizzati, jekk ikun il-każ, dikjarazzjonijiet addizzjonali għal kull porzjon saret sabiex jiġi ffaċilitat il-paragun ta' prodotti ppreżentati f'imballaġġ ta' daqsijiet differenti.

fid-dikjarazzjoni dwar in-nutrizzjoni. Għandu jiġi osservat li l-imsemmija regoli japplikaw ukoll għad-dikjarazzjoni dwar in-nutrizzjoni tal-prodotti tal-ikel għal skopijiet mediċi speċjali, sa fejn din għandha tinkludi informazzjoni espressa għal 100 g jew 100 ml u tista' tiġi kkompletata mill-informazzjoni espressa għal kull porzjon jew unità ta' konsum [23].

40. Għalhekk, id-dispożizzjonijiet imsemmija fl-Artikoli 32 u 33 tar-Regolament Nru 1169/2011, li jikkonċernaw l-espressjoni tal-elementi, inklużi fid-dikjarazzjoni dwar in-nutrizzjoni, b'riferiment għall-kwantità tagħhom għal 100 g jew 100 ml u, jekk ikun il-każ, għal kull porzjon u/jew unità ta' konsum, ma għandhomx jitqiesu jekk dawn l-elementi u l-kwantità tagħhom ma jiġux inklużi fid-dikjarazzjoni dwar in-nutrizzjoni. Għalhekk, l-eżistenza stess tar-regoli stabbiliti f'dawn l-artikoli tiddependi mill-Artikolu 30, li huwa impost, fil-fehma tiegħi, bħala dispożizzjoni ċentrali tat-taqsima tar-Regolament Nru 1169/2011 dwar ir-rekwiżiti ġenerali relatati mad-dikjarazzjoni dwar in-nutrizzjoni fil-qasam tal-ittikkettjar.

41. Dan premess, fil-fehma tiegħi, il-pożizzjoni tal-Gvern Ċek, imfakkra fil-punt 33 ta' dawn il-konklużjonijiet u spjegata waqt is-seduta, iċċaħħad mis-sens tagħha d-deroga prevista fl-Artikolu 6(2) tar-Regolament Delegat 2016/128 li la tirreferi għall-Artikolu 32 u lanqas għall-Artikolu 33 tar-Regolament Nru 1169/2011. Issa, il-projbizzjoni tar-repetizzjoni tal-informazzjoni dwar in-nutrizzjoni, prevista f'dan l-Artikolu 6(2), ma ssemmi espliċitament la l-espressjoni tagħha għal 100 g jew 100 ml, u lanqas dik għal kull porzjon jew għal kull unità ta' konsum. Għaldaqstant, id-deroga prevista fl-Artikolu 6(2) ta' dan ir-regolament delegat għandha tinftiehem bħala deroga ġenerali li tapplika indipendentement mill-mod ta' espressjoni tal-valur enerġetiku u tal-ammonti ta' nutrijenti skont l-Artikolu 32 jew l-Artikolu 33 tar-Regolament Nru 1169/2011.

42. Konsegwentement, il-formulazzjoni u, b'mod partikolari, il-kuntest tad-dispożizzjonijiet li jinsabu fl-Artikoli 30, 32 u 33 tar-Regolament Nru 1169/2011 u fl-Artikolu 6(2) tar-Regolament Delegat 2016/128 jipprekludu l-pożizzjoni mressqa mill-Gvern Ċek, li kienet intiża li teskludi minn din l-analiżi l-ewwel domanda magħmula mill-qorti tar-rinviju. Għaldaqstant, din l-ewwel domanda għandha tiġi ttrattata kif ġej.

B. Fuq l-ewwel domanda preliminari

43. Infakkar li, permezz tal-ewwel domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk il-valur enerġetiku tal-prodott u l-ammonti ta' nutrijenti differenti li huma pprovduti xi mkien ieħor għajr fid-dikjarazzjoni dwar in-nutrizzjoni jistgħux jikkostitwixxu deskrizzjoni addizzjonali tal-proprjetajiet u tal-karatteristiċi tal-prodott fis-sens tal-Artikolu 5(2)(g) tar-Regolament Delegat 2016/128.

44. Skont dan l-Artikolu 5(2)(g), "[m]inbarra d-dettalji obbligatorji msemmija fl-Artikolu 9(1) tar-[Regolament Nru 1169/2011], dawn li ġejjin huma dettalji obbligatorji addizzjonali għall-ikel għal skopijiet mediċi speċjali: […] deskrizzjoni tal-kwalitajiet u/jew il-karatteristiki li jagħmlu

[23] Artikolu 6(4) tar-Regolament Delegat 2016/128. Għandu jiġi nnotat li l-possibbiltà ta' tali komplementarjetà, li tista' tippreżenta ruħha fil-viċinanza immedjata tad-dikjarazzjoni dwar in-nutrizzjoni, fl-ebda każ ma għandha tiġi konfuża mar-repetizzjoni ta' din l-informazzjoni fuq l-ittikkettjar stess, li hija espressament ipprojbita mill-paragrafu 2 ta' dan l-artikolu.

l-prodott utli [24], b'rabta mal-mard, id-disturbi jew il-kundizzjonijiet mediċi li għall-ġestjoni dijetetika tagħhom huwa maħsub il-prodott, b'mod partikolari, skont il-każ, fejn dan ikun relatat mal-ipproċessar u l-formulazzjoni speċjali, in-nutrijenti li ġew miżjuda, imnaqqsa, eliminati jew immodifikati mod ieħor, kif ukoll il-ġustifikazzjoni għall-użu tal-prodott".

45. Sabiex tingħata risposta għall-ewwel domanda preliminari, jidhirli li huwa neċessarju li jiġi interpretat il-kunċett ta' "deskrizzjoni tal-proprjetajiet u tal-karatteristiċi" tal-prodott fis-sens tal-imsemmi Artikolu 5(2)(g) tar-Regolament Delegat 2016/128. Sabiex tingħata risposta utli għal din id-domanda, huwa wkoll neċessarju li jiġi interpretat, b'mod sekondarju, il-kunċett ta' "dettalji obbligatorji addizzjonali" li dan l-istess artikolu jintroduċi, peress li din id-deskrizzjoni taqa' taħtu [25].

46. Għandu jitfakkar li l-interpretazzjoni tal-Artikolu 5(2)(g) tar-Regolament Delegat 2016/128 għandha tiġi mfittxija billi jittieħdu inkunsiderazzjoni mhux biss il-kliem tagħha, iżda wkoll il-kuntest tagħha u l-għan imfittex mil-leġiżlazzjoni inkwistjoni [26].

47. Fir-rigward, fl-ewwel lok, tal-formulazzjoni ta' dan l-Artikolu 5(2)(g), għandu jiġi rrilevat li dan (u lanqas ir-Regolament Delegat innifsu) ma jiddefinixxix il-kunċett ta' "deskrizzjoni tal-kwalitajiet u/jew il-karatteristiċi li jagħmlu l-prodott utli, b'rabta mal-mard, id-disturbi jew il-kundizzjonijiet mediċi li għall-ġestjoni dijetetika tagħhom huwa maħsub il-prodott". F'dan ir-rigward, għandha tingħata interpretazzjoni tat-termini "proprjetajiet" u "karatteristiċi" fil-kuntest partikolari tal-prodotti tal-ikel għal skopijiet mediċi speċjali. Dawn it-termini għandhom jinftiehmu bħala li jirreferu għal kwalitajiet u għal ġabra ta' elementi rikonoxxibbli li jippermettu li ssir distinzjoni [27], f'dan il-każ, bejn dawn il-prodotti tal-ikel fir-rigward tal-kapaċità tagħhom li jissodisfaw ir-rekwiżiti nutrittivi jew li jkunu partikolarment utli [28] fil-każ ta' marda, ta' disturb jew ta' kundizzjoni medika li għaliha huma maħsuba.

48. Din l-interpretazzjoni letterali tat-termini "proprjetajiet" u "karatteristiċi" hija kkorroborata mill-eżempji pprovduti fl-Artikolu 5(2)(g) tar-Regolament Delegat 2016/128, li fosthom hemm il-*karatteristiċi* partikolari tal-manifattura u tal-formula tal-prodott, il-bidliet li jikkonċernaw in-nutrijenti skont iż-żieda tagħhom, it-tnaqqis tagħhom, l-eliminazzjoni tagħhom jew il-modifika tagħhom, u r-raġunijiet li jiġġustifikaw l-użu ta' dan il-prodott [29].

49. Madankollu, għandu jiġi rrilevat li l-formulazzjoni tal-Artikolu 5(2)(g) tar-Regolament Delegat 2016/128, dwar l-indikazzjoni tal-informazzjoni obbligatorja dwar il-prodotti tal-ikel speċifiċi li huma dawk intiżi għal skopijiet mediċi speċjali, tippreżenta differenzi meta mqabbla

[24] Din il-formulazzjoni tvarja skont il-verżjoni lingwistika ta' din id-dispożizzjoni. Kif issostni Nestlé, fil-verżjoni bil-lingwa Svediża, l-enfasi hija fuq l-utilità tal-prodott f'każ bħal dan ("[e]n beskrivning av de egenskaper och/eller kännetecken som gör produkten särskilt användbar i relation till"). Barra minn hekk, għandu jiġi osservat li dan huwa wkoll il-każ, b'mod partikolari, fil-verżjonijiet bil-lingwa Ingliża ("a description of properties and/or characteristics that make the product useful in relation to"), bl-Ispanjol ("una descripción de las propiedades o características que expliquen la utilidad del producto en el manejo dietético") jew anki bil-Litwan ("produkto savybių ir (arba) ypatumų, dėl kurių jis yra naudingas").

[25] Kif jirriżulta mill-formulazzjoni tal-ewwel domanda preliminari mill-qorti tar-rinviju, li tispeċifika li din hija l-interpretazzjoni tad-"deskrizzjoni addizzjonali".

[26] Ara s-sentenza tas-16 ta' Lulju 2020, AFMB *et* (C-610/18, EU:C:2020:565, punt 50 u l-ġurisprudenza ċċitata).

[27] Fir-rigward tad-definizzjoni tat-termini "proprjetajiet" u "karatteristiċi", ara *Le Petit Robert de la langue française*, Paris, Le Robert.

[28] Skont il-verżjoni lingwistika. Għandu jitfakkar li, konformement ma' ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, in-neċessità ta' applikazzjoni u ta' interpretazzjoni uniformi ta' att tad-dritt tal-Unjoni teskludi li dan jitqies b'mod iżolat f'waħda mill-verżjonijiet lingwistiċi tiegħu, iżda teżiġi li jiġi interpretat kemm skont ir-rieda reali tal-awtur tiegħu kif ukoll skont l-għan imfittex minn dan tal-aħħar, fid-dawl, b'mod partikolari, tal-verżjonijiet stabbiliti fil-lingwi kollha (sentenza tat-3 ta' April 2014, 4finance (C-515/12, EU:C:2014:211, punt 19 u l-ġurisprudenza ċċitata)).

[29] Enfasi miżjuda minni. Barra minn hekk, peress li dawn l-eżempji jistgħu jvarjaw skont il-każ, għandu jiġi dedott li l-lista tagħhom ma hijiex eżawrjenti.

mal-formulazzjoni tal-Artikolu 9(1) tar-Regolament Nru 1169/2011 u ma' dik tal-Artikolu 30(1) ta' dan ir-regolament, dwar l-indikazzjoni tal-informazzjoni obbligatorja dwar il-prodotti tal-ikel kollha.

50. Fil-fatt, ir-rekwiżiti ġenerali dwar l-ittikkettjar tal-prodotti tal-ikel ordinarji, kif jirriżultaw mill-Artikolu 9 u mill-Artikolu 30 tar-Regolament Nru 1169/2011, jirreferu għall-kliem "ingredjenti"[30] jew "elementi" u għalhekk jindikaw is-sustanzi li jifformaw prodott u, b'mod iktar ġenerali, jirreferu għall-kontenut tagħhom. Issa, il-kliem użat fl-Artikolu 5(2)(g) tar-Regolament Delegat 2016/128 jirrigwarda l-kwalitajiet u l-karatteristiċi li jippermettu użu xieraq ta' dan il-prodott, billi jiġi adattat għar-rekwiżiti nutrittivi speċifiċi ta' marda, ta' disturb jew ta' kundizzjoni medika[31]. Għalhekk, id-differenza fil-kliem użat, fil-formulazzjoni ta' dawn id-dispożizzjonijiet, jidhirli li tirriżulta mir-rieda tal-leġiżlatur tal-Unjoni li jintroduċi regola speċifika ta' deskrizzjoni tal-kwalitajiet inerenti tal-prodotti tal-ikel għal skopijiet mediċi speċjali li tista' titqabbel mar-regola ġenerali dwar l-indikazzjoni tal-kompożizzjoni tal-prodotti tal-ikel kollha.

51. Barra minn hekk, mill-kliem tal-Artikolu 5(2)(g) tar-Regolament Delegat 2016/128 jirriżulta li dan jirrigwarda l-indikazzjoni tal-informazzjoni minbarra dik prevista fl-Artikolu 9(1) tar-Regolament Nru 1169/2011. Issa, jidhirli li din l-indikazzjoni għandha importanza partikolari ħafna f'dan il-każ sabiex jiġi konkluż li l-formulazzjoni tagħha tipprekludi li l-valur enerġetiku tal-prodott u l-kwantità tan-nutrijenti differenti jkunu jistgħu jaqgħu taħt id-deskrizzjoni tal-proprjetajiet u tal-karatteristiċi addizzjonali tal-prodott meta mqabbla ma' dawk diġà meħtieġa għall-prodotti tal-ikel kollha.

52. Din il-konklużjoni tapplika iktar u iktar fid-dawl tal-preċiżazzjoni magħmula fl-Artikolu 5(2)(g) tar-Regolament Delegat 2016/128, li jikklassifika tali informazzjoni bħala "obbligatorja", li timplika li din għandha tidher fuq il-prodotti tal-ikel kollha intiżi għal skopijiet mediċi speċjali.

53. Fit-tieni lok, din l-interpretazzjoni letterali hija sostnuta mill-kuntest li jagħmel parti minnu l-Artikolu 5(2)(g) tar-Regolament Delegat 2016/128 u mill-għanijiet imfittxija minn dan ir-regolament delegat.

54. Fir-rigward, l-ewwel, tal-kuntest, għandu jitfakkar, qabelxejn, dak tal-adozzjoni tar-regola fil-qasam tal-ittikkettjar tal-prodotti tal-ikel intiżi għal skopijiet mediċi speċjali, prevista f'dan l-Artikolu 5(2)(g). Fil-fatt, din ir-regola tikkumplimenta lil dawk kollha diġà applikabbli għall-prodotti tal-ikel kollha, kif jikkonferma t-titolu tiegħu, ir-"[r]ekwiżiti speċifiċi għall-informazzjoni dwar l-ikel".

[30] Fir-rigward tad-definizzjoni tat-terminu "ingredjent", ara l-Artikolu 2(2)(f) tar-Regolament Nru 1169/2011, jiġifieri "kull sustanza jew prodott, inklużi l-aromatizzanti, l-addittivi tal-ikel u l-enżimi tal-ikel, u kull kostitwent ta' xi ingredjent kompost, użat fil-manifattura jew fit-tħejjija ta' xi ikel u li jkun għadu hemm fil-prodott lest, anki jekk f'forma mibdula; ir-residwi m'għandhomx jitqiesu bħala 'ingredjenti'".

[31] F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li, sa fejn dan l-artikolu jipprovdi eżempju dwar il-partikolaritajiet tan-nutrijenti li kienu s-suġġett taż-żieda, tat-tnaqqis, tal-eliminazzjoni jew ta' modifiki oħra, għandu jiġi osservat li l-bidla fin-nutrijent li saret għandha tiġi interpretata bħala li tippermetti li jiġu kkaratterizzati l-partikolaritajiet tal-prodott tal-ikel intiż għal skopijiet mediċi speċjali minħabba, b'mod partikolari, il-bidla fid-doża tan-nutrijenti li jikkomponuh. L-istess bħall-qorti tar-rinviju, għandu jiġi osservat ukoll li huwa possibbli li jiġi ssodisfatt ir-rekwiżit speċifiku li jirriżulta mill-Artikolu 5(2)(g) tar-Regolament Delegat 2016/128 mingħajr ma jiġu indikati kwantitajiet speċifiċi.

55. Sussegwentement, l-indikazzjonijiet kollha msemmija fl-Artikolu 5 tar-Regolament Delegat 2016/128, b'mod partikolari dawk dwar l-użu tal-prodotti tal-ikel għal skopijiet mediċi speċjali taħt superviżjoni medika [32], dwar il-kategorija tal-età speċifika li għaliha huma intiżi dawn il-prodotti tal-ikel [33] jew ukoll dwar il-prekawzjonijiet u l-kontraindikazzjonijiet xierqa [34], imorru lil hinn mill-kuntest tal-kontenut nutrittiv ta' prodott tal-ikel u huma intiżi li jipprovdu informazzjoni addizzjonali meta mqabbla ma' dan tal-aħħar.

56. Fl-aħħar mill-aħħar, f'dan il-kuntest, huwa partikolarment utli li jiġi rrilevat li l-Artikolu 6(2) tar-Regolament Delegat 2016/128 jipprevedi projbizzjoni speċifika li l-informazzjoni inkluża fid-dikjarazzjoni dwar in-nutrizzjoni tiġi repetuta fuq l-ittikkettjar tal-prodotti tal-ikel għal skopijiet mediċi speċjali [35]. F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li l-indikazzjonijiet kontenzjużi huma, fir-rigward tas-sustanza tagħhom stess, l-informazzjoni li taqa' taħt id-dikjarazzjoni dwar in-nutrizzjoni, skont l-Artikolu 30(1) tar-Regolament Nru 1169/2011. Bħall-Kummissjoni, jiena tal-fehma li l-valur enerġetiku u l-ammont ta' nutrijenti jibqgħu informazzjoni tal-istess natura irrispettivament mill-mod li bih jiġu espressi.

57. Għalhekk, il-projbizzjoni, imsemmija f'dan l-Artikolu 6(2) jew l-obbligu, skont l-Artikolu 5(2)(g) ta' dan ir-regolament delegat, it-tnejn jikkonċernaw l-indikazzjoni ta' ċerti indikazzjonijiet fuq l-ittikkettjar tal-prodotti tal-ikel intiżi għal skopijiet mediċi speċjali ma tistax tvarja skont id-diversi modi ta' espressjoni ta' din l-istess informazzjoni, peress li din tal-aħħar ma tinbidilix, minħabba espressjoni differenti, fir-rigward tas-sustanza tagħha li hija l-unika ħaġa rilevanti għall-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet imsemmija iktar 'il fuq [36]. Issa, ammissjoni tal-kuntrarju, kif issostni, essenzjalment, Nestlé, tista' tirriżulta, fil-fehma tiegħi, fl-evitar tal-projbizzjoni inkluża fl-Artikolu 6(2) tar-Regolament Delegat 2016/128.

58. Għal dawn ir-raġunijiet, il-kuntest li fih jaqa' l-Artikolu 5(2)(g) tar-Regolament Delegat 2016/128 jipprekludi, fil-fehma tiegħi, li l-indikazzjonijiet kontenzjużi jkunu jistgħu jaqgħu taħt indikazzjonijiet obbligatorji addizzjonali applikabbli biss għall-prodotti tal-ikel għal skopijiet mediċi speċjali. *A fortiori*, dawn ma jistgħux jaqgħu taħt id-"deskrizzjoni tal-kwalitajiet u/jew il-karatteristiki" imsemmija f'dan l-Artikolu 5(2)(g).

59. It-tieni, il-konklużjoni preċedenti jidhirli li hija l-iktar waħda konformi mal-għanijiet tar-Regolament Delegat 2016/128.

60. F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li r-Regolament Delegat 2016/128 jikkompleta r-Regolament Nru 609/2013 billi jiddefinixxi r-rekwiżiti speċifiċi dwar il-kompożizzjoni u l-informazzjoni applikabbli għall-prodotti tal-ikel għal skopijiet mediċi speċjali. Huma

[32] Artikolu 5(2)(a) tar-Regolament Delegat 2016/128.

[33] Artikolu 5(2)(c) tar-Regolament Delegat 2016/128.

[34] Artikolu 5(2)(f) tar-Regolament Delegat 2016/128.

[35] Għandu jitfakkar li, konformement mal-Artikolu 30(1) tar-Regolament Nru 1169/2011, l-indikazzjonijiet dwar il-valur enerġetiku u l-kontenut reali ta' nutrijenti (bħall-ammonti ta' xaħam, il-proteini u l-fibri tal-ikel) jaqgħu taħt l-informazzjoni obbligatorja li għandha tidher fid-dikjarazzjoni dwar in-nutrizzjoni ta' prodott tal-ikel. Għalkemm il-paragrafu 3 ta' dan l-artikolu jipprevedi awtorizzazzjoni tar-repetizzjoni ta' ċerta informazzjoni li tinsab fid-dikjarazzjoni dwar in-nutrizzjoni għall-prodotti tal-ikel ordinarji, għandu jiġi osservat li d-dikjarazzjonijiet dwar il-proteini u l-fibri tal-ikel ma jaqgħux taħtu. Fi kwalunkwe każ, ir-repetizzjoni tal-informazzjoni, imsemmija fl-Artikolu 30(3) tar-Regolament Nru 1169/2011, fuq l-imballaġġ ta' prodotti tal-ikel għal skopijiet mediċi speċjali hija espressament ipprojbita mill-kliem stess tal-Artikolu 6(2) tar-Regolament Delegat 2016/128.

[36] Dan jidhirli li huwa kkonfermat ukoll mill-qari tal-Artikolu 6(4) tar-Regolament Delegat 2016/128 li jipprevedi, b'mod partikolari, li d-dispożizzjonijiet dwar l-espressjoni tan-nutrijenti li jinsabu fid-dikjarazzjoni dwar in-nutrizzjoni, jiġifieri l-Artikoli 32 u 33 tar-Regolament Nru 1169/2011, japplikaw għan-nutrijenti kollha li jinsabu f'din id-dikjarazzjoni.

jikkompletaw ir-rekwiżiti ġenerali li japplikaw għall-prodotti tal-ikel kollha skont ir-Regolament Nru 1169/2011 u, konsegwentement, li japplikaw ukoll għall-prodotti tal-ikel speċifiċi kkonċernati f'dan il-każ.

61. Ir-Regolament Delegat 2016/128 isemmi, billi jipprevedi dawn ir-rekwiżiti speċifiċi sabiex titqies in-natura speċifika ta' dawn il-prodotti tal-ikel għal skopijiet mediċi speċjali [37], sabiex ikun żgurat li dawn il-prodotti tal-ikel huma sikuri, ta' benefiċċju u effettivi għall-persuni li għalihom huma maħsuba [38]. Għalhekk, billi jipprevedi rekwiżiti speċifiċi ta' ttikkettjar ta' ċerti prodotti tal-ikel għal skopijiet mediċi speċjali, il-leġiżlatur tal-Unjoni għandu l-għan li jistabbilixxi livell għoli ta' protezzjoni għall-konsumaturi vulnerabbli sabiex jippermettilhom jidentifikaw preċiżament il-prodotti li jipprovdulhom sors parzjali jew ewlieni ta' l-ikel tagħhom [39].

62. Qabelxejn, l-interpretazzjoni tal-Artikolu 5(2)(g) tar-Regolament Delegat 2016/128 li jimponi obbligu li jiġi indikat fuq l-imballaġġi tal-prodotti tal-ikel għal skopijiet mediċi speċjali, bħala informazzjoni addizzjonali, l-informazzjoni obbligatorja applikabbli għall-prodotti tal-ikel kollha, bħal dak ikkonċernat f'dan il-każ, tmur kontra l-għan li jiġu stabbiliti rekwiżiti speċifiċi fil-qasam.

63. Sussegwentement, il-garanzija tal-protezzjoni tal-konsumaturi vulnerabbli, li tippermetti li jiġu identifikati preċiżament il-prodotti li jikkostitwixxu s-sors parzjali jew ewlieni ta' ikel tagħhom, tirriskja wkoll li tiġi kompromessa minn din l-interpretazzjoni. Fil-fatt, il-fatt li s-sempliċi indikazzjoni ta' ċerta informazzjoni dwar in-nutrizzjoni fuq in-naħa ta' quddiem tal-imballaġġ issir obbligatorja jista' jħawwad lil dawn il-konsumaturi, jew saħansitra jqarraq bihom [40].

64. Fl-aħħar nett, kuntrarjament għal dak li tallega Nestlé, ma iniex konvint li, sabiex tiġi ġġustifikata l-interpretazzjoni tagħha, wieħed jista' jitkellem dwar informazzjoni essenzjali [41] tal-prodotti tal-ikel intiżi għal skopijiet mediċi speċjali bħalma huwa l-każ fir-rigward tal-prodotti tal-ikel ordinarji [42] minħabba, b'mod partikolari, in-natura partikolari tagħhom deskritta fl-osservazzjonijiet preliminari. Fil-fatt, il-kompożizzjoni ta' dawn il-prodotti tal-ikel intiżi għal skopijiet mediċi speċjali tista' tvarja b'mod sostanzjali skont, fost affarijiet oħra, il-marda, id-disturb jew il-kundizzjoni medika speċifiċi li jwasslu għar-rekwiżiti nutrittivi li għalihom dawn il-prodotti tal-ikel ikunu maħsuba, l-età tal-pazjenti u l-post fejn huma jirċievu l-kura tas-saħħa, kif ukoll l-użu maħsub tal-imsemmija prodotti tal-ikel [43].

37 Premessi 13 u, f'dan is-sens, 15 tar-Regolament Delegat 2016/128.

38 Premessa 5 tar-Regolament Delegat 2016/128.

39 Ara, f'dan ir-rigward, il-premessa 13 tar-Regolament Delegat 2016/128, moqrija flimkien mal-premessi 15 u 26 tar-Regolament Nru 609/2013.

40 F'dan ir-rigward, għandu jiġi nnotat li l-fatt, allegat minn Nestlé waqt is-seduta, li din il-kumpannija tikkummerċjalizza prodotti tal-ikel għal skopijiet mediċi speċjali, fil-maġġoranza tal-każijiet, lil professjonisti tas-saħħa u mhux direttament lill-konsumatur, ma jistax jinvalida din il-konklużjoni, sa fejn il-pubbliku kkonċernat jaqa' taħt l-għażliet kummerċjali ta' impriża, min-natura suġġettiva tagħhom, mingħajr ma jista' jaffettwa l-interpretazzjoni tal-għanijiet tar-Regolament Delegat 2016/128.

41 Fl-osservazzjonijiet tagħha, Nestlé ssostni li din l-informazzjoni essenzjali hija relatata mal-valur enerġetiku u mal-ammont tan-nutrijenti differenti.

42 Fil-fatt, fuq liema bażi jista' jingħad, fil-każ ta' persuna b'marda, b'disturb jew b'kundizzjoni medika speċifika, u għal min, minħabba din is-sitwazzjoni, il-prodotti tal-ikel għal skopijiet mediċi speċjali jikkostitwixxu, b'mod partikolari, is-sors ewlieni tal-ikel tagħhom, li l-indikazzjoni ta' ċerta informazzjoni dwar in-nutrizzjoni hija iktar importanti minn oħra? Jekk, fil-każ ta' persuni li għalihom dawn il-prodotti tal-ikel jikkostitwixxu sors parzjali ta' ikel dan jista' jidher possibbli, madankollu kif jista' jkun possibbli li l-operaturi fis-settur jiġu obbligati li jiżguraw li, għall-ħtiġijiet speċifiċi f'kull każ ta' dawn il-pazjenti vulnerabbli, id-dettalji dwar in-nutrizzjoni li huma jixtiequ jindikaw fuq il-quddiem tal-pakkett jikkostitwixxu effettivament, mill-perspettiva medika, informazzjoni essenzjali jew, fi kliem ieħor, iktar importanti minn oħra? Fil-fehma tiegħi, l-għanijiet tar-Regolament Delegat 2016/128 ma jistgħux jiġu indirizzati b'approċċ fuq il-bażi ta' każ b'każ bħal dan, li, bla dubju, ma jippermettix li tiġi żgurata ċ-ċertezza legali fil-qasam u, fuq kollox, li tiġi żgurata l-protezzjoni tal-konsumaturi vulnerabbli.

43 Ara s-sentenza tat-2 ta' Marzu 2023, Kwizda Pharma (C-760/21, EU:C:2023:143, punt 77).

65. Għalhekk, l-interpretazzjoni tal-Artikolu 5(2)(g) tar-Regolament Delegat 2016/128 bħala li tippermetti li jiġi indikat il-valur enerġetiku tal-prodott u l-ammont ta' nutrijenti differenti xi mkien ieħor għajr fid-dikjarazzjoni dwar in-nutrizzjoni u li tikkostitwixxi deskrizzjoni addizzjonali tal-proprjetajiet u tal-karatteristiċi tal-prodotti tal-ikel intiżi għal skopijiet mediċi speċjali ma tippermettix li jintlaħaq l-għan tar-Regolament Delegat 2016/128 dwar il-protezzjoni għolja tal-konsumaturi vulnerabbli. Fil-fatt, dan l-għan jeżiġi, fil-fehma tiegħi, li kemm il-professjonisti tas-saħħa li jintervjenu fil-monitoraġġ mediku tal-użu ta' dawn il-prodotti tal-ikel kif ukoll il-konsumaturi vulnerabbli jagħmlu għażla informata bbażata fuq l-informazzjoni kollha dwar in-nutrizzjoni.

66. Bħala konklużjoni, mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li, fil-fehma tiegħi, ir-risposta għall-ewwel domanda preliminari magħmula mill-qorti tar-rinviju għandha tkun li l-Artikolu 5(2)(g) tar-Regolament Delegat 2016/128 għandu jiġi interpretat fis-sens li l-indikazzjonijiet kontenzjuži ma jistgħux jikkostitwixxu d-deskrizzjoni addizzjonali tal-proprjetajiet u tal-karatteristiċi tal-prodott fis-sens ta' dan l-artikolu.

C. Fuq it-tieni domanda preliminari

67. Peress li din id-domanda saret fil-każ ta' risposta fl-affermattiv għall-ewwel domanda, jekk il-Qorti tal-Ġustizzja tinterpreta l-Artikolu 5(2)(b) tar-Regolament Delegat 2016/128 fis-sens li pproponejt fil-punt 66 ta' dawn il-konklużjonijiet, ma hemmx lok li tingħata risposta għaliha.

68. Fi kwalunkwe każ, għandu jitfakkar li, sabiex ma jitneħħiex is-sens tal-projbizzjoni prevista fl-Artikolu 6(2) tar-Regolament Delegat 2016/128, l-indikazzjonijiet kontenzjuži ma jistgħux jaħarbu minnha sempliċement minħabba l-forma tal-espressjoni tagħhom. Fil-fatt, din tal-aħħar bl-ebda mod ma tbiddel il-kontenut, li jibqa', fil-fehma tiegħi, l-uniku kriterju rilevanti għall-applikazzjoni ta' din il-projbizzjoni [44].

IV. Konklużjoni

69. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti, nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi kif ġej għad-domandi preliminari magħmula mill-Högsta förvaltningsdomstolen (il-Qorti Amministrattiva Suprema, l-Isvezja):

L-Artikolu 5(2)(g) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/128 tal-25 ta' Settembru 2015, li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 609/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-rekwiżiti speċifiċi dwar il-kompożizzjoni u l-informazzjoni għall-ikel għal skopijiet mediċi speċjali,

għandu jiġi interpretat fis-sens li:

l-informazzjoni dwar il-valur enerġetiku tal-prodott u l-ammont ta' nutrijenti differenti li huma pprovduti xi mkien ieħor għajr fid-dikjarazzjoni dwar in-nutrizzjoni ma tistax tikkostitwixxi deskrizzjoni addizzjonali tal-proprjetajiet u tal-karatteristiċi tal-prodott.

[44] Ara l-punti 33 sa 42, 56 u 57 ta' dawn il-konklużjonijiet.